MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 28/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Elaine Muscat.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Elaine Muscat ta' 29 sena bint Louis Muscat u Valerie Helen xebba Borg, imwielda l-Pieta' nhar id-d19 t'April, 1981 u residenti 12 Flat 6 Triq San Publju San Pawl il-Baħar jew numru 43 Flat 3A Saint Paul's Buildings West Street Valletta u detentriċi tal-karta tal-identita' 204981 (M)

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fit-12 ta' Settembru, 2010 u fis-sitt xhru ta' qabel:

a) kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaijina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess t'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kenitx b'xi mod ieħor bil-liżenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess tagħha din id-droga u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentement emenadati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) kif ukoll talli kienet reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Jannar 2013 li fiha l-Qorti sabet lill-appellanti ħatja taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha u kkundannata għal piena karċerarja ta' tliet xhur.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fl-4 ta' Frar 2013. Illi l-aggravju tal-appellanti huwa li l-piena hija eċċessiva. L-appellanti kienet ikkoperat mal-Prosekuzzjoni u oltre dan l-Ewwel Qorti kienet iddikjarat li l-appellanti għandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Li s-sentenza li saret referenza għaliha aktar 'il fuq ingħatat wara li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkonsidrat li l-appellanti kienet għamlet ammissjoni bikrija, li kienet ikkoperat mal-Pulizija tant li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kellha tibbenifika mill-artikolu 29 iżda li l-appellanti kellha fedina penali refrattarja.

Din il-Qorti wieżnet sew il-fatturi kollha li ħadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti. Huwa wkoll sew magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax piena mogħtija mill-Ewwel Qorti sakemm din qegħda fil-parametri tal-Liġi.  Barra dan, f'dan il-każ kien hemm ammissjoni.

Din il-Qorti eżaminat il-fedina penali tal-appellanti li tassew hija waħda mżewqa b'għadd ta' reati. Iżda eżaminat ukoll dak li xehed l-Ispettur Victor Aquilina a fol 22.  dan stqarr hekk:

'Imn'Alla kienet Elaine Muscat li tkellmet għaliex kieku ma kien ikollna ebda prova.'

Imbagħad qieset ukoll li f'din iċ-ċitazzjoni l-imputazzjoni prinċipali hija ta' pussess sempliċi u mhux ta' pussess aggravat.  Skont il-Kap 101 il-pussess ta' kokaina huwa wkoll reat u kulħadd huwa obbligat li jimxi mal-Liġi.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi, penali ta' multa jista' jkollha l-effett li ġġib bidla tant bżonnjuża fl-appellanti. Din il- piena hija possibbli fil-każ ta' pussess sempliċi ta' kokaina ġaladarba l-applikazzjoni ta' żieda taħt l-artikolu 50 tal-Kap 9 minħabba t-tieni imputazzjoni hija waħda diskrezzjonali..

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qegħda tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Jannar 2013 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanti hatja taż-żewġ imputazzjonijiet qegħda tirriformaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ikkundannata għal tliet xhur priġunerija u minflok qed tikkundannha tħallas multa ta' €470.  Il-multa tista' titħallas f'pagamenti ta' €50 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum.  Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa.  Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, allura din tinbidel fi priġunerija skont il-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------